MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI INFERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta tat-3 ta' Ottubru, 2012

Avviz Numru. 15/2003

**Maltacom plc,**
**u b'digriet tal-5 ta' Diċembru 2007,**
**il-ġudizzju ġie trasfuż f'isem**
**GO plc minflok Maltacom plc;**

**vs**

**Joseph Mark Mercieca**

**Illum l-Erbgħa, 3 ta' Ottubru 2012**

Il-Qorti,

Rat l-Avviż li permezz tiegħu s-soċjeta' attriċi talbet lill-konvenut jgħid għaliex m'għandux jiġi kkundannat li jħallas lis-soċjeta' attriċi s-somma ta' tlett' elef seba' mija u sitt liri Maltin u żewġ ċenteżmi (Lm3706.02ċ) rappreżentanti ammont dovut in konnessjoni mas-servizz tat-telefon bin-numru 562992 (C/N1043268), liema servizz ġie installat f' Il Terrazzo Restaurant, Triq San Xmun,

Xlendi, Għawdex, skond kif jidher mill-kopja tas-service agreement anness u mmarkat bħala Dokument 'A'.

Bl-ispejjeż inklużi dawk tal-preżenti u tal-VAT fuq id-drittijiet professjonali u bl-imgħaxijiet kontra l-konvenut li minn issa huwa nġunt għas-subizzjoni.

Rat in-Nota ta' l-Eċċezzjonijiet tal-konvenut li eċċepixxa illi:

1. Illi l-bilanċ pretiż mhux dovut stante illi dan il-kont huwa wieħed esagerat u huwa riżultat ta' żball minn naħa tas-soċjeta' attriċi;

2. Illi mingħajr preġudizzju għas-suepost l-konvenut qatt ma għamel użu tat-telefon tiegħu b'mod li l-kont tat-telefon seta' jammonta għall-ammont pretiż mis-soċjeta' attriċi;

Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri.
Rat id-digriet tagħha tat-18 ta' April 2012 fejn il-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza.

Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża, inklużi l-verbali tax-xhieda mismugħa u d-dokumenti esebiti.

Ikkunsidrat:

Illi permezz ta' din il-kawża s-soċjeta' attriċi qed titlob mingħand il-konvenut il-ħlas ta' l-ammont indikat fl-Avviż, għas-servizz telefoniku pprovdut lilu fir-restaurant tiegħu x-Xlendi. Il-konvenut qed jirrifjuta li jħallas dan il-kont għax fil-fehma tiegħu huwa eċċessiv u qatt ma seta' jkun li hu għamel tant telefonati li wasslu għall-ammont mitlub.

Joseph Azzopardi, għan-nom tas-soċjeta' attriċi, spjega kif is-servizz tat-*telephone* bin-numru 562992 ġie mdawwar fuq il-konvenut wara applikazzjoni iffirmata minnu fil-11ta' Novembu 1999.[1] Minn dakinhar inħargu l-kontijiet li jidhru fuq il-kolonna intestata "*debit*" fuq l-istatement immarkat

[1] Dok.JA 1 a fol.17 tal-process

"Dok. JA 3"[2] minnu esebita waqt id-deposizzjoni tiegħu,[3] li minnhom tħallsu l-ammonti indikati fil-kolonna intestata "*credit*" fuq l-istess *statement,* biex baqa' bilanċ dovut lis-soċjeta' attriċi fl-ammont ta' Lm3706.02ċ, proprju dak indikat fl-Avviż. Ġiet ippresentata wkoll lista ta' "*itemised calls*" li turi t-telefonati kollha li saru fuq dan in-numru mill-31 ta' Dicembru 1999 sal-31 ta' Awwissu 2000, bid-data, ħin u durata tagħhom.[4]

Minn eżami ta' din il-lista jirriżulta li saru numru ta' telefonati ndirizzati lil xi ħadd (x'aktarx fl-esteru) fuq in-numru "63524875822", li ħafna minnhom kienu jsiru fis-sigħat bikrin ta' filgħodu u għal ħin konsiderevoli, ġieli anke kważi sagħtejn sħaħ. Dawn it-telefonati saru kollha bejn l-24 ta' Marzu 2000 u t-8 ta' Mejju ta' l-istess sena, u kienu proprju dawn it-telefonati li kkontribwew sostanzjalment sabiex il-kont tela' għas-somma mitluba. Wara qatt ma reġghet saret ebda telefonata oħra bħal din.

Il-konvenut caħad kategorikament li huwa jew xi ħadd ieħor seta' għamel dawn it-telefonati minn ġewwa r-restaurant, u spejga kif dawn saru f'ħinijiet li r-restaurant tiegħu kien ikun magħluq.[5] Dwar dan ressaq ukoll biex jixhdu ex-impjegati tiegħu li kkonfermaw li sas-siegħa ta' filgħodu r-restaurant kien ikun magħuq, u kien ikun il-konvenut stess li kien iwassalhom id-dar wara li jkun għalaq ir-restaurant.[6] Huwa għalhekk jemmen illi dawn t-telefonati saru minn xi ħadd li rnexxielu jidħol b'mod klandestin fuq il-linja tiegħu, u dan minkejja li ġie ppruvat li ġimgha biss wara li r-reġistrazzjoni ta' dan is-servizz tat-*telephone* daret fuqu, huwa kien applika u ngħata servizz ta' "*code controlled barring*", u ċioè' li t-telefonati li jsiru minn dak in-numru jkunu jridu jiġu preċeduti minn numru ta' kodiċi konfidenzjali. [7]

---

[2] A fol.19
[3] A fol.10 - 15
[4] Dok.Dok.A 1 a fol.29 - 53
[5] Ara deposizzjoni tieghu a fol. 80- 85
[6] Ara deposizzjoni ta' Ronald Debrincat a fol. 93 -94; ta' Janet Grech a fol. 97 – 98 u ta' Katy Mercieca a fol. 102 -103
[7] Ara kopja ta' din l-applikazzjoni esebita mis-socjeta' attrici permezz ta' Nota tad-19.11.2008; Dok.CB a fol. 79

Wara li qieset iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, hija l-fehma ta' din il-Qorti li għandha temmen lill-konvenut li dawn it-telefonati ma sarux minnu u lanqas minn xi ħadd minn ġewwa r-restaurant tiegħu. Ma jista' jkun hemm ebda spjegazzjoni kredibbli għaliex kien hemm il-ħtieġa li jsiru dawn it-telefonati kollha għal ħinijiet daqshekk twal f'dawk is-sighat bikrin ta' filgħodu u ġieli anke ftit minuti biss wara li tkun spiċċat it-telefonata ta' qabel, bl-ispiża kbira li kull waħda minn dawn it-telefonati kienet qed ittella'. Huwa evidenti li xi ħadd mhux magħruf irnexxielu b'xi mod jew ieħor jidħol b'mod klandestin fuq din il-linja minn x'imkien barra r-restaurant fejn kien installat dan is-servizz, biex iċempel fl-esteru a skapitu tas-*subscriber* leġittimu, fil-każ tagħna l-konvenut, u għax kien konxju li mhux hu kien se iħallas għal dawn it-telefonati. Mhux ekwu u ġust illi għal dan l-abbuż għandu jbati l-konvenut, li m'hemmx dubbju kien għal kollox estraneu għal dak li ġara. Kellu kull raġun il-konvenut jikkontesta dawn il-kontijiet.

Għaldaqstant, mill-ammont pretiż għandhom jitnaqqsu l-ispejjeż tat-telefonati kollha li saru għal fuq in-numru hawn fuq indikat **63524875822,** u ċioè dawk tal- :

| | |
|---|---|
| 24.03.00 għal Lm | 38.39 |
| 29.02.00 | 114.50 |
| 31.03.00 | 64.83 |
| 31.03.00 | 44.51 |
| 01.04.00 | 65.25 |
| 01.04.00 | 11.15 |
| 02.04.00 | 56.67 |
| 04.04.00 | 118.07 |
| 04.04.00 | 32.61 |
| 05.04.00 | 119.31 |
| 05.04.00 | 81.76 |
| 06.04.00 | 126.80 |
| 06.04.00 | 36.39 |
| 06.04.00 | 3.15 |
| 07.04.00 | 59.08 |
| 08.04.00 | 19.70 |
| 08.04.00 | 12.07 |
| 08.04.00 | 27.39 |
| 08.04.00 | 12.77 |

| | |
|---|---|
| 08.04.00 | 48.51 |
| 09.04.00 | 30.08 |
| 09.04.00 | 15.70 |
| 10.04.00 | 82.07 |
| 10.04.00 | 81.20 |
| 11.04.00 | 8.31 |
| 11.04.00 | 120.83 |
| 11.04.00 | 116.37 |
| 11.04.00 | 76.02 |
| 14.04.00 | 117.35 |
| 14.04.00 | 24.35 |
| 15.04.00 | 5.87 |
| 16.04.00 | 57.43 |
| 16.04.00 | 8.63 |
| 18.04.00 | 107.41 |
| 18.04.00 | 12.99 |
| 21.04.00 | 89.65 |
| 21.04.00 | 79.15 |
| 23.04.00 | 50.16 |
| 23.04.00 | 27.81 |
| 23.04.00 | 18.29 |
| 24.04.00 | 41.36 |
| 24.04.00 | 2.73 |
| 24.04.00 | 9.37 |
| 24.04.00 | 39.97 |
| 26.04.00 | 39.86 |
| 27.04.00 | 14.15 |
| 30.04.00 | 12.07 |
| 03.05.00 | 94.90 |
| 07.05.00 | 36.79 |
| 07.04.00 | 16.45 |
| 07.04.00 | 11.89 |
| 08.04.00 | 46.39 |
| **- Total:** | **Lm2588.51ċ** |

Għalhekk l-ammont realment dovut mill-konvenut għandu jkun ta: Lm3706.02ċ – Lm2588.51ċ = Lm1117.51ċ, jew aħjar illum fi flus korrenti: €2603. Billi dan l-ammont ġie likwidat biss permezz ta' din is-sentenza, l-imgħaxijiet fuq din is-somma jsiru dovuti mil-lum.

Għal dawn il-motivi, tiddeċidi l-kawża billi tilqa' biss in parti t-talba tas-soċjeta' attriċi u tikkundanna lill-konvenut sabiex iħallasha s-somma ta' elfejn sitt mija u tliet euro (€2603), bl-imgħaxijiet relattivi mid-data ta' din is-sentenza sad-data tal-pagament effettiv.

Fiċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ, fejn ħadd mill-partijiet ma jaħti għal dak li ġara, l-ispejjeż għandhom jibqgħu bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------